MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 453/2007

**Mediterranean Insurance Brokers Limited (C 3540) bhala rapprezentanti ta' ACE Global Markets Syndicate**

**vs**

**Josephine Cassar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti li jhallsu s-somma ta' mitejn, hamsa u erbghin lira (Lm 245), danni subiti fl-24 ta' Ottubru, 2006 wara li l-vettura JAA 346 ta` l-ghamla Daewoo Espero inharqet u kkagunat danni fil-proprjeta' immobbli li qieghda numru 69, Sqaq il-Kubrit, Hamrun, liema proprjeta' tappartjeni lil Charles Pace u Elizabeth Pace li kienet assikurata ma` l-atturi nomine.

Peress illi in forza ta’ kuntratt ta’ assikurazzjoni l-atturi hallsu lil Charles u Elizabeth Pace l-ammont ta’ Lm 245, danni sofferti minnhom u naxxenti mill-imsemmi hruq.

Peress illi l-atturi gew surrogati fid-drittijiet ta` l-assikurata taghhom.

Peress illi ghal hruq u danni sofferti mill-istess assikurata kienet responsabbli l-konvenuta u dan minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti.

Tghid il-konvenuta ghaliex m’ghandux dan it-Tribunal previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tordna lill-konvenuta thallas lill-atturi, l-ammont ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja ta` l-14 ta’ Mejju, 2007 u bl-interessi. Il-konvenuta hi minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-PL Pauline Mallia fl-14 ta’ Novembru, 2007 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.
Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------